# FTEHIM INTERN
# BEJN IR-RAPPREŻENTANTI
# TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI
# LI JILTAQGĦU FI ĦDAN IL-KUNSILL
# LI JEMENDA L-FTEHIM INTERN
# TAT-18 TA' SETTEMBRU 2000
# DWAR MIŻURI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU U
# PROĊEDURI LI GĦANDHOM JIĠU SEGWITI
# GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI
# TAL-FTEHIM TA' SĦUBIJA ACP-KE

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA, LI LTAQGĦU FI ĦDAN IL-KUNSILL,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE ffirmat f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ACP-KE",

Wara li kkunsidraw l-abbozz mill-Kummissjoni,

BILLI:

(1) Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tagħha tas-27 ta’ April 2004, il-Kunsill ta l-mandat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma’ l-Istati ta’ l-ACP bil-għan li temenda l-Ftehim ACP-KE. Dawn in-negozjati ngħalqu fi Brussel fit-23 ta’ Frar 2005. Il-Ftehim li jemenda l-Ftehim ACP-KE, ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta’ Ġunju 2005.

(2) Bħala riżultat ta’ dan, il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta’ l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, tat-18 ta' Settembru 2000dwar miżuri li għandhom jittieħdu u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE[1], hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim Intern', għandhom jiġu deċiżi.

(3) Il-proċedura stabbilita mill-Ftehim Intern għandha bżonn tiġi emendata sabiex tieħu kont tad-tibdiliet magħmula lill-Artikoli 96 u 97 kif stabbiliti fil-Ftehim li jemenda l-Ftehim ACP-KE. Din il-proċedura għandha tkun emendata wkoll biex tieħu kont ta’ l-Artikolu l-ġdid 11b li l-ewwel paragrafu tiegħu jikkostitwixxi element essenzjali tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ACP-KE.

QABLU FUQ DAN LI ĠEJ:

1 ĠU L 317, 15.12.2000, p. 376.

ARTIKOLU 1

Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta’ l-Istati Membri li jiltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, tat-18 ta' Settembru 2000 dwar miżuri li għandhom jittieħdu u proċeduri li għandhom jiġu segwiti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim li jemenda l-Ftehim ACP-KE għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"Artikolu 3

Il-pożizzjoni ta’ l-Istati Membri għall-Implimentazzjoni ta’ l-Artikoli 11b, 96 u 97 tal-Ftehim ACP-KE għandha, meta dik il-pożizzjoni kkonċernata jkollha x’taqsam mal-kompetenza, tkun adottata mill-Kunsill, li jaġixxi skond il-proċedura stabbilita fl-Anness.

Jekk il-miżuri ppjanati jikkonċernaw materji li jaqgħu taħt il-kompetenzi ta’ l-Istati Membri, il-Kunsill jista’ jaġixxi wkoll fuq inizjattiva minn Stat Membru.".

(2) L-Artikolu 9 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"Artikolu 9

Dan il-Ftehim, imfassal f'oriġinal wieħed bil-lingwa Ċeka, Daniża, Estona, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Żvediża, Taljana u Ungeriża, bit-test ta' kull wieħed minn dawn il-lingwi jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi depożitat fl-arkivji tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, li għandu jibgħat kopja ċertifikata lil kull wieħed mill-gvernijiet ta' l-Istati Firmatarji l-oħra.".

(3) L-Anness għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"ANNESS

1. Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom jeżawrixxu l-għażliet kollha possibbli għal djalogu politiku ma’ Stat ta’ l-ACP taħt l-Artikolu 8 tal-Ftehim ACP-KE, ħlief f’każijiet ta’ urġenza speċjali, qabel il-bidu tal-proċess ta’ konsultazzjoni stabbilit fl-Artikolu 96 tal-Ftehim ACP-KE. Id-djalogu taħt l-Artikolu 8 għandu jkun sistematiku u formalizzat skond il-modalitajiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta’ l-Anness VII tal-Ftehim ACP-KE. Rigward id-djalogu li jsir fuq livell nazzjonali, reġjonali u subreġjonali, meta l-Assemblea Konġunta tal-Parlament tkun involuta, għandha tkun rappreżentata minn ko-presidenti fil-kariga jew tinħatar persuna nominata.

2. Fejn, wara li jkunu eżawrixxu l-għażliet kollha possibbli għad-djalogu taħt l-Artikolu 8 tal-Ftehim ACP-KE, u fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, il-Kunsill jikkunsidra li Stat ta' l-ACP naqas milli jissodisfa obbligazzjoni rigward wieħed mill-elementi essenzjali msemmija fl-Artikoli 9 jew 11b tal-Ftehim ACP-KE, jew f'każijiet serji takorruzzjoni, l-Istat ta' l-ACP ikkonċernat għandu jiġi mistieden, sakemm ma jkunx hemm urġenza speċifika, li jagħmel konsultazzjonijiet skond l-Artikoli 11b, 96 jew 97 tal-Ftehim ACP-KE rivedut.

Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

Fil-konsultazzjonijiet, il-Komunità għandha tkun irrappreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill u l-Kummissjoni għandha tagħmel l-isforzi tagħha biex tiżgura ugwaljanza fil-livell ta' rappreżentanza. Il-Konsultazzjonijiet għandhom jiffokaw fuq il-miżuri li jridu jittieħdu mill-parti kkonċernata u għandhom iseħħu skond il-modalitajiet stabbiliti fl-Anness VII tal-Ftehim ACP-KE.

3. Jekk, fl-iskadenza tal-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 11b, 96 jew 97 tal-Ftehim ACP-KE għall-konsultazzjonijiet u minkejja l-isforzi kollha, ebda soluzzjoni ma tinstab, jew immedjatament fil-każ ta' urġenza jew rifjut biex isiru l-konsultazzjonijiet, il-Kunsill jista', skond dawk l-Artikoli, jiddeċiedi, fuq proposta mill-Kummissjoni, li jieħu l-miżuri adatti inkluża sospensjoni parzjali billi jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu f'każ ta' sospensjoni sħiħa ta' applikazzjoni tal-Ftehim ACP-KE f'relazzjoni ma' l-Istat ACP kkonċernat.

Dawn il-miżuri għandhom jibqgħu fis-seħħ saż-żmien li l-Kunsill ikun uża biex japplika l-proċedura kif stabbilit fl-ewwel sotto-paragrafu biex jieħu deċiżjoni li temenda jew tirrevoka l-miżuri li ġew adottati qabel, jew fejn applikabbli, għall-perjodu indikat fid-Deċiżjoni.

Għal dak l-iskop il-Kunsill għandu jirrevedi l-miżuri hawn fuq imsemmija regolarment u għall-anqas kull sitt xhur.

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika lill-Istat ACP konċernat u lill-Kunsill tal-Ministri ACP-KE bil-miżuri li ġew adottati b'dan il-mod qabel ma jidħlu fis-seħħ.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta'l-Unjoni Ewropej. Fejn il-miżuri jiġu adottati immedjatament, in-notifika tagħhom għandha tiġi indirizzata lill-Istat ACP u lill-Kunsill tal-Ministri ACP-KE fl-istess ħin ta' l-istedina għall-konsultazzjonijiet.

4. Il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat immedjatament u bi sħiħ b'kull deċiżjoni li tittieħed taħt il-punti 2 u 3.".

ARTIKOLU 2

Dan il-Ftehim għandhu jiġi approvat minn kull Stat Membru skond il-ħtiġijiet kostituzzjonali tiegħu. Il-Gvern ta' kull Stat Membru għandu jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bit-tkomplija tal-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Mingħajr preġudizzju għall-konformita mad-disposizzjonijiet ta' l-ewwel paragrafu, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-istess żmien bħall-Ftehim li jemenda l-Ftehim ACP-KE[1].
Għandu jibqa fis-seħħ għaż-żmien li jibqa fis-seħħ dak il-Ftehim.

[1] Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ser tkun pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.